

## **Dikjarazzjoni Speċifika ta' Privatezza**

### **Konsultazzjoni pubblika dwar ir-rieżami tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020**

**imsejħa "konsultazzjoni pubblika" fit-test**

#### **1. Għan**

L-għan ta' din il-konsultazzjoni pubblika hu li jinġabru l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati jew tal-persuni li tikkonċernahom it-tema tal-konsultazzjoni pubblika, u li possibbilment dawn jiġu ppubblikati fuq l-Internet, taħt ir-responsabbiltà tal-Kap tal-Unità ta' EMPL C.3., (Diżabilità u Inklużjoni), tad-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, li jaġixxi bħala l-Kontrollur.

Peress li dan is-servizz onlajn jiġbor u jipproċessa d-dejta personali, japplika r-Regolament (KE) 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta.

#### **2. X'informazzjoni personali niġbru u b'liema mezzi tekniċi?**

##### **Dejta personali u l-għan tagħha**

Id-dejta personali miġbura u li mbaġhad tiġi pproċessata hi dejta neċessarja għall-parteċipazzjoni fil-konsultazzjoni pubblika, bħall-isem, il-kunjom, il-professjoni, eċċ., inklużi l-opinjoni tagħhom dwar it-temi kkonċernati.

L-operazzjonijiet ta' pproċessar tad-dejta personali marbuta mal-organizzazzjoni u mal-ġestjoni ta' din il-konsultazzjoni pubblika huma meħtieġa għall-ġestjoni u l-ħidma tal-Kummissjoni, kif awtorizzat mit-Trattati u b'mod aktar speċifiku mill-Artikoli 5, 7 u 211 - 219 tat-Trattat tal-KE.

##### **Informazzjoni teknika**

Is-sistema tuża l-"cookies" tas-sessjoni biex tiżgura l-komunikazzjoni bejn il-klijent u s-server. Għalhekk, il-brawżer tiegħek irid ikun konfiguratur b'mod li jaċċetta l-"cookies". Madankollu, ma tinġabar ebda tip ta' informazzjoni personali jew kunfidenzjali, u lanqas l-indirizz IP mill-kompjuter tiegħek. Il-cookies jitolqu hekk kif tintemm is-sessjoni. F'każ li twieġeb permezz tal-kaxxa postali funzjonali maħluqa għall-finijiet ta' din il-konsultazzjoni pubblika, it-tweġiba u d-dejta personali tiegħek se jiġu miġbura. Jekk jogħġbok innota li s-sistema tal-email tal-Kummissjoni Ewropea hija konformi mad-deċiżjonijiet u mad-dispożizzjonijiet tas-sigurtà tal-Kummissjoni, stabbiliti mid-Direttorat tas-Sigurtà.

#### **3. Min għandu aċċess għall-informazzjoni tiegħek u lil min tingħata?**

Il-kontribuzzjonijiet li jaslu, flimkien mal-identità tal-kontributor, jiġu ppubblikati fuq l-Internet, sakemm il-kontributor ma joġġezzjonax għall-pubblikazzjoni tad-dejta personali tiegħu minħabba li din il-pubblikazzjoni tista' tkun ta' ħsara għall-interessi leġittimi tiegħu jew tagħha. F'dan il-każ, il-kontribuzzjoni tista' tiġi ppubblikata

b'mod anonimu. Inkella, il-kontribuzzjoni ma tiġix ippubblikata, u fil-prinċipju, lanqas ma jiġi kkunsidrat il-kontenut tagħha. Kull oġġezzjoni f'dan ir-rigward għandha tintbagħat lis-servizz responsabbli għall-konsultazzjoni (ara l-informazzjoni ta' kuntatt hawn taħt).

#### **4. Kif inħarsu u nissalvagwardjaw l-informazzjoni tiegħek?**

It-tweġibiet tiegħek, flimkien mal-lingwa li għażilt fil-kitba tat-tweġiba, jiġu rreġistrati f'bażi tad-dejta sikura u protetta miżmuma miċ-Ċentru tad-Dejta tal-Kummissjoni Ewropea, li l-operazzjonijiet tagħha jikkonformaw mad-deċiżjonijiet u mad-dispożizzjonijiet tas-sigurtà tal-Kummissjoni stabbiliti mid-Direttorat tas-Sigurtà għal dawn it-tipi ta' servers u servizzi. Il-bażi tad-dejta mhix aċċessibbli minn barra l-Kummissjoni. Internament fil-Kummissjoni, wieħed jista' jaċċessa l-bażi tad-dejta permezz ta' UserId/Password.

L-aċċess għall-applikazzjoni jsir permezz ta' konnessjoni mhux kriptata bl-użu tal-protokoll normali tal-http.

#### **5. Kif tista' tivverifika, tbiddel jew tħassar l-informazzjoni tiegħek?**

Jekk tkun tixtieq tivverifika liema dejta personali ġiet reġistrata f'ismek mill-kontrollur responsabbli, jew tkun trid timmodifikaha, tikkoreġiha jew tħassarha, għandek tikkuntattjata lill-Kontrollur billi tuża l-Informazzjoni ta' Kuntatt ta' hawn taħt u billi tispeċifika biċ-ċar it-talba tiegħek.

#### **6. Għal kemm żmien inżommu d-dejta tiegħek?**

Il-dejta personali tiegħek tibqa' fil-bażi tad-dejta sakemm ir-riżultati jkunu kompletament analizzati u ssir anonima meta jkunu ġew sfruttati, u mhux aktar tard minn sena wara t-tmiem tal-konsultazzjoni.

#### **7. Informazzjoni ta' Kuntatt**

F'każ li tkun tixtieq tivverifika d-dejta personali li tkun inħażnet f'ismek mill-kontrollur responsabbli, jew jekk tkun trid tibdilha, tikkoreġiha jew tħassarha, jew jekk ikollok xi mistoqsijiet dwar il-konsultazzjoni pubblika jew dwar xi informazzjoni li tkun ipproċessata fil-kuntest tal-konsultazzjoni, jew dwar id-drittijiet tiegħek, ikkuntattja lit-tim ta' appoġġ, li jopera taħt ir-responsabbiltà tal-Kontrollur, permezz tal-informazzjoni ta' kuntatt li ġejja:

Directorate-General Employment, Social Affairs and Inclusion, Unit C.3. (Disability and Inclusion)

email: [EMPL-C3-CONSULTATION@ec.europa.eu](mailto:EMPL-C3-CONSULTATION@ec.europa.eu)

#### **8. Appell**

F'każ ta' kunflitt, l-ilmenti jistgħu jiġu indirizzati lill-[Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Dejta](#).

